

## Italian & Swiss Markets
# North Italy & Switzerland

**09 - 13 ta' Diċembru 2024** **5 t'ijiem**

**Inżuru:** Arona, Milan, Como, Ascona, Locarno, Lugano & Macugnaga

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

Validu sas-6 ta' Sett

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €800 | €750 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €800 | €750 |
| Kamra ta' persuna waħda | €970 | €920 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €670 | €620 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air għal Milan
- 20Kgs bagalja + hand luggage
- 4 Iljieli - Hotel Concorde 3*+
- Buffet breakfast kuljum
- Half Board
- Eskursjonijiet kollha mħallsa (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- Taxxi ta'l-ajruport u city tax
- Insolvency Protection
- Tour Leader



**It-Tnejn 09 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-09.45 għat-titjira diretta tal-KM Malta Airlines KM624 lejn Milan li ttir fis-12.45 u naslu Linate fis-14.35. Wara transfer bil-kowċ lejn il-Hotel Concorde 3*+ ġewwa **Arona**. Mal-wasla tagħna fil-Hotel issir is-sistemazzjoni tal-kmamar. Ċena fil-lukanda.

**It-Tlieta 10 ta' Diċembru**
Wara Buffet Breakfast, eskursjoni mill-iżjed interessanti li ser teħodna l-Isvizzera fejn ser nżuru l-belt ta' **Ascona** li tinsab ma' Lago Maggiore**, Lugano** – il-belt kapitali tal-Canton ta' Ticino, u wara nofsinhar nirritornaw l-Italja u nżuru l-belt ta' **Como**. L-ewwel nżuru l-belt ta' Ascona li tinsab fin-naħa ta' fuq ta' Lago Maggiore. Nagħmlu mixja matul it-toroq pittoreski mimlija restaurants u cafés, mixja li twassalna sal-promenade li issaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħu. Nkomplu lejn Lugano, u mat-tour leader, naraw iċ-ċentru storiku, Via Nassa li hi triq mimlija ħwienet eleganti u Piazza Della Riforma. Hawnhekk nistgħu mmorru mixja matul il-promenade, b'xenarju mill-aqwa ta' Lag ta' Lugano mdawwar bil-muntanji. Ħin liberu fejn ikollkom ħin biex iżżuru l-Christmas Market. L-aħħar waqfa tkun fil-belt ta' Como fejn flimkien mat-tour leader naraw Piazza Cavour, Piazza Volta, Città Vecchia, u d-Duomo – maħdum b'irħam abjad bi stil gotiku. Passiġata matul il-lag ta' Como jew dawra fil-Christmas market.

**L-erbgħa 11 ta' Diċembru**
Buffet Breakfast u skopri magħna l-belt sbieħa ta' **Milan** – il-kapitali ta' Lombardia, fost oħrajn naraw Castello Sforzesco, Piazza Duomo, il-famuż Duomo, Teatro Alla Scala, Galleria Vittorio Emanuele II. Ħin liberu biex tgawdu l-atmosfera festiva kif ukoll iżżuru l-Christmas Market li jarma ġo Piazza Duomo fejn ikun hawn għadd ta' stalls armati, ikel, mulled wines u tant affarijiet oħra. Ċena fil-lukanda.

**Il-Ħamis 12 ta' Diċembru**
Eskursjoni mill-isbaħ li teħodna **Macugnaga** fi vjaġġ mill-aktar spettakolari fejn ngħaddu mill-wied ta' Anzasca li hu mdawwar bil-muntanji. Macugnaga, li tinsab taħt il-muntanja Monte Rosa, hu villaġġ tradizzjonali stil tal-Alpi. Min irid jista' jitla' bil-Cable Car (extra) biex nitilgħu fuq Monte Rosa fejn naraw veduti pittoreski tal-Alpi u glaċjali, esperjenza unika li ma tinsa qatt. Ikollna ħin liberu biex ngawdu dan il-villaġġ. Qabel nirritornaw Arona nifqu biex inżuru l-famuża statwa ta' San Carlo Borromeo li kien l-arċisqof ta' Milan. Ċena fil-lukanda.

**Il-Ġimgħa 13 ta' Diċembru**
Buffet Breakfast u ħin liberu. Għall-ħabta tal-10.30, transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM625 li ttir fit-15.00 u naslu lura Malta fil-17.05.